TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 371/10

**Jacqueline Calleja**

**vs**

**Mr. Stephen Saliba – Datax Ltd.**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti prezz ta' Toshiba Notebook li ma baqax jaħdem.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa t-Toshiba Notebook tiegħu għand l-intimat sabiex isewwih u tah is-CDs oriġinali pero' meta mar għalihom induna illi s-CDs li rritornalu ma kinux l-oriġinali u għalhekk qed jitlob il-prezz ta' seba' mitt ewro (€700) lura, peress li kompjuter mingħajr CDs oriġinali ma jiswa xejn.

L-intimat issottometta illi s-CDs illi rritornalu kienu tajbin għan-Notebook tiegħu u li ma jarax differenza jekk humiex oriġinali jew le.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jifhem illi l-intimat seta' b'mod aċċidentali tilef is-CDs u ġablu CDs ġodda, jiġifieri mhux oriġinali u minn tiegħu, pero' t-Tribunal jinnota wkoll illi għal fini ta' l-użu tal-kompjuter dawn is-CDs jaħdmu bihom, pero' xorta jibqa' l-fatt illi s-CDs mhumiex l-oriġinali.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa't-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888